**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 28 ta' Marzu 2023**
**Rik nru : 90/2023 AGV**

**JC**

**U**

**L S**

**Vs**

**X**

**Il-Qorti;**

**Rat Ir-Rikors konġuntiv ta' JS u L S;**

Jesponu bir-rispett u bil-ġurament jikkonfermaw:

Illi l-kontendenti żżewġu nhar it-tnejn (2) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u erbgħa u disgħin (1994) – ċertifikat taż-żwieġ anness u markat **Dok 'A'**.

Illi minn dan iż-żwieġ twieled wild wieħed, RS , li huwa maġġorenni.

Illi l-partijiet isseparaw legalment minn xulxin in forza ta' kuntratt datat ħamsa (5) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u disgħa u disgħin (1999) in atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella – kopja annessa u markata **Dok 'B'**.

Illi ma hemm ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

*Inoltre*, qed jiġi konfermat li ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovuti.

Illi għalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-liġi għall-ħall taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet.

Għaldaqstant, ir-rikorrenti JC u LS jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara ż-żwieġ tagħhom bħala maħlul u li l-partijiet huma divorzjati għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet fi żmien hekk akkordat minnha biex dan ikun reġistrat fir-Reġistru Pubbliku skont il-liġi;

u dan taħt kull provvediment xieraq u opportun li jogħġobha tagħti din l-Onorabbli Qorti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar it- 2 ta' Jannar 1994.**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**